



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 2 ta' Ġunju 2009(03.06)  
(OR.en,fr)**

**10319/09  
ADD 1**

---

**Fajl interistituzzjonali:  
2008/0187 (COD)**

---

**CODEC 773  
TELECOM 121  
COMPET 300  
MI 228  
CONSOM 125**

**ADDENDUM GĦAL NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: COREPER /KUNSILL

---

Nru prop. Cion: 13531/08 TELECOM 140 COMPET 357 MI 331 CONSOM 129 CODEC 1226

---

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 717/2007 dwar ir-roaming fuq netwerks pubbliċi mobbli fi ħdan il-Komunità u d-Direttiva 2002/21/KE dwar qafas regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi **[l-ewwel qari]**  
- Adozzjoni tal-att leġislattiv (AL + D)  
Dikjarazzjoni

---

**Dikjarazzjoni mil-Latvja**

Il-Latvja tastjeni milli tivvota għall-Proposta għal Regolament dwar ir-roaming fuq netwerks pubbliċi mobbli fi ħdan il-Komunità. Il-Latvja tappoġġa bis-sħiħ l-għan li jiġi żgurat li l-utenti jieħdu l-ogħla benefiċċju mis-servizzi tar-roaming madwar il-Komunità. Madankollu, il-Latvja ma tistax tappoġġa t-tnaqqis propost tal-limiti għat-tariffi bl-ingrossa u bl-imnut biex isiru telefonati rregolati bir-roaming.

Il-Latvja hi tal-fehma li l-operaturi mobbli diġà esperjenzaw tnaqqis sostanzjali fid-dħul minħabba d-domanda mnaqqsa għal servizzi tar-roaming fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja attwali madwar id-dinja. Għal din ir-raġuni, il-Latvja temmen li t-tnaqqis eċċessiv tat-tariffi bl-ingrossa u bl-imnut mhux iġġustifikat.